Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 86/1994/1

**Noel u Georgina konjugi Curmi**

**vs**

**Dottor Joseph Ellis u Salvu Ellis fil-kwalita` taghhom ta' diretturi, ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija A.F. Ellis Limited, u b'digriet tat-28 ta' Frar, 1995, l-okkju tal-kawza gie korrett fis-sens illi r-rapprezentanti tal-kumpanija konvenuta huma Salvu u Tonio Ellis**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI**

1. B'citazzjoni ipprezentata fis-7 ta' Dicembru, 1994, l-atturi ippremettew illi huma kienu ordnaw u xtraw minghand il-kumpanija konvenuta l-granit ghall-paviment tad-dar taghhom u t-tarag fl-indirizz 'Arcadia', Triq it-28 ta' April 1688, Sannat;

Illi rrizulta li l-granit m'huwiex tal-kwalita` pattwita izda inferjuri ghal dak li l-konvenuti ppromettew lill-atturi, tant li ghalkemm ghandu uzu kummercjali, l-istess granit m'huwiex tajjeb ghall-paviment billi wara certu zmien tfaccaw tbajja fih, melh u beda jithaffer;

Illi l-atturi kienu hallsu s-somma ta' elfejn mija u tmenin lira Maltin (LM2,180) prezz ta' l-istess granit u tqeghid tieghu;

Illi l-atturi qeghdin jirrifjutaw l-istess granit bhala li mhux tal-kwalita` pattwita u ghalhekk ghandhom jigu rimborsati tal-prezz minnhom imhallas, kif ukoll tad-danni sofferti;

Illi ghalkemm gew interpellati sabiex jirrimborsaw lill-attuti kif fuq inghad, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:
(I) Tiddikjara u tiddeciedi li l-granit mibjugh u mqieghed fil-fond ta' l-atturi m'huwiex tal-kwalita` pattwita;

(II) Konsegwentement tiddikjara li l-atturi ghandhom id-dritt jirrifjutaw l-istess granit;

(III) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn mija u tmenin lira Maltin (Lm2,180) prezz ta' l-istess granit;

(IV) Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi a tenur ta' l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili;

(V) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont ta' danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' April 1688 (sic) kollha kontra l-konvenuti.

**L-ECCEZZJONI TAL-KONVENUTI NOMINE**

2. Il-konvenuti nomine ecceppew li gej:-

(I) Preliminarjament Dottor Joseph Ellis la huwa direttur u wisq inqas ghandu r-rapprezentanza legali tas-socjeta` konvenuta;

(II) In-nullita` tat-talbiet attrici in kwantu l-atturi qeghdin jikkonfondu zewg tipi ta' azzjonijiet ben distini u diversi fil-ligi taghna cioe` l-azzjoni minhabba nuqqas ta' kwalita` pattwita u l-azzjoni minhabba difetti latenti;

(III) Fi kwalunkwe kaz tezisti l-preskrizzjoni tat-talbiet attrici sew a tenur ta' l-Artikolu 1407 tal-Kodici Civili stante li ghaddew iktar minn sentejn mid-data tal-ftehim u kif ukoll l-Artikolu 1431 billi ghadda iktar minn xahar mid-data li fiha l-atturi indunaw bl-allegat difett;

(IV) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, id-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan ghaliex il-granit ikkonsenjat kien tal-kwalita` ordnata mill-atturi u ma kien hemm ebda difett mohbi;

(V) Illi l-ilmenti ta' l-atturi huma konsegwenza ta' tqeghid hazin tal-granit mhux skond is-sengha da parti ta' l-istess atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza moghtija fis-16 ta' Mejju, 2000, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati iddecidiet billi laqghet it-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, iddikjarat l-azzjoni attrici preskritta ai termini ta' l-Artikolu 1407 tal-Kodici Civili u konsegwentement cahdet it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**L-APPELL TA' L-ATTURI**

4. L-atturi hassew ruhhom aggravati minn dik is-sentenza u ghalhekk interponew appell minnha fuq l-aggravju segwenti:-
L-Ewwel Qorti dehrilha li l-atturi ma ntavolawx l-azzjoni taghhom fit-terminu impost mil-ligi. Il-Qorti rriteniet li t-terminu stipulat fl-Artikolu 1407 tal-Kodici Civili huwa terminu ta' dekadenza u ghalhekk ma jistax jigi interrott.

L-atturi appellanti jesponu l-fatti tal-kawza hekk:
L-appellanti kellhom l-okkazzjoni jirrilevaw li t-terminu huwa wiehed ta' dekadenza, izda jibda jiddekorri meta x-xerrej jikxef id-difett, u cioe` meta seta' kien ghalih possibbli li jinduna bid-difett. Hemm gurisprudenza kostanti fis-sens li meta l-bejgh ikun sar u l-kumpratur ma setax jezamina l-merkanzija jew ma setax jirrikonoxxi l-kwalita` taghha f'dak iz-zmien, it-terminu stipulat mil-ligi jibda jiddekorri meta kien possibbli ghalih li jinduna bil-kwalita` vera. U dan bir-ragun u min-natura ta' l-affarijiet. Ghaliex kif jista l-kumpratur iharrek, qabel ma jinduna li l-oggett mibjugh mhux tal-kwalita` pattwita? Dan huwa wkoll il-kaz fl-azzjoni redibitorja minhabba difetti latenti, li ghandha indoli differenti u termini diversi.

L-attur ghamel in-negozju mal-konvenut. Mar ghand il-kumpanija konvenuta biex jordna l-madum u ssuggerewlu li jixtri l-granit minflok. Huwa qalilhom li ghall-granit ma kienx jiflah finanzjarjament. Il-konvenut tah prezz u l-attur mar id-dar jiddiskuti ma' tal-familja, u ddecieda li jixtri l-granit. L-attur stess kien issuggerielu li qabel ipoggi l-granti l-attur kellu jaghmel 'plastic sheeting' tahtu, izda kienu l-istess konvenuti li hassrulu dwar dan. Waqt li kien qed ipoggi l-granit, il-bajjad gibidlu l-attenzjoni li kienu gew 'shades' differenti u meta l-attur mar jghid b'dan lil Salvu Ellis, dan wiegbu li dak ma kien xejn u li maz-zmien jiccara kollu.

Wara xi tlett xhur il-posizzjoni baqghet li kienet. Kellem lill-konvenut Salvu Ellis, u dan tah parir sabiex ihalli z-zmien, ghaliex aktar ma jghaddi z-zmien aktar il-granit jinxef. Kien ghalhekk zvijament komplet tal-konvenut dwar il-kwalita` vera tal-granit u l-kwistjoni ta' zmien. Jekk

min ibeghlek itik parir li aktar ma jghaddi z-zmien il-prodott kellu jitjieb, ma ghandux jilghab kontra tieghek it-trapass ta’ certu zmien, meta matulu inti tkun qed tistenna r-rizultat ta’ dak li ppromettielek il-bejjiegh. Kien meta l-attur induna bil-qerq li kien qed imexxih fin il-konvenut li ha l-passi. Kien meta wara li ghall-ennezima darba l-attur mar jitkellem mal-konvenut Salvu Ellis u dan irrispondih ‘inti taf x’ghazilt’ li l-attur induna bil-qerq tal-konvenut, u allura ddecieda li jiehu passi. L-attur stess jghid li meta iddecieda li jiehu passi kienet ghaddiet xi sena minn meta kien xtara l-granit.

L-attur ipproduca lill-A.I.C. Joseph P Dimech bhala xhud. Kien gie mqabbad mill-attur Noel Curmi biex jispezzjona l-granit tal-paviment tad-dar tieghu. Kien hemm hafna tbajjar fil-wicc tal-paviment. Huwa qal li t-tip ta’ granit uzat kien ir-raba’ wiehed minn hames klassijiet ta’ granit. Dan it-tip ta’ granit, generalment jintuza ghar-rivestiment tal-hitan, u mhux tal-paviment. “Ghaliex il-klassi f’dan il-kwalita` qeghdha fid-densita`, aktar ma jkun iebes aktar ma jkollu jigifieri density qawwija, aktar ma jkun tqil ghall-proporzjon tal-volum tieghu, hu aktar durable u ghandu anqas voids, anqas jigi impregnat bl-umdita` go fih, aktar hu kompatt fil-formazzjoni tieghu.” L-istess xhud, kompla jghid, li kieku kien hu ma kienx juzah, kien jiskartah ghal dak l-uzu li fih intuza, cioe` ghall-fini tal-pavimentar. Id-difett hareg ghaliex kien ikkawzat mill-umdita` ta’ taht il-granit.

L-A.I.C. Dimech xehed xi haga importanti ferm dwar il-kwistjoni tal-preskrizzjoni fix-xhieda tieghu tas-16 ta’ Ottubru, 1997, meta qal li mar jara l-granit fuq il-post fl-24 ta’ Frar, 1994. L-ewwel domanda li staqsa lill-konvenut kienet kemm kien ilu li tpogga l-madum, u dan irrispondih madwar sena u nofs ilu. Kien dakinhar li l-A.I.C. Dimech ha kampjun tal-granit biex jittestjah u johrog ir-rizultati li fil-fatt hareg.

George Vella kien il-persuna li pogga l-granit oggett ta’ din il-kawza. Huwa xehed li meta pogga l-granit dan kien jidher sewwa. Wara, u fuq talba ta’ l-attur, kien rega’ mar jara dan il-granit. Sab li kien kollu mhaffer. Kienu

ghaddew xi erba' snin minn meta poggieh. Huwa ma ghamel ebda preparazzjoni partikolari qabel ma qieghed il-granit. Mexa l-istess bhal meta jqieghed il-madum.

Salvu Ellis rapprezentant tal-kumpanija konvenuta pprova johrog mill-kwistjoni billi jghid li ma kellux x'jaqsam ma' tqeghid ta' granit, mentri l-kwistjoni kollha tirrigwarda l-kwalita` tieghu. Irrifjuta li jmur jara l-madum, meta l-attur invitah biex imur jarah bl-iskuza li ma kellux x'jaqsam mal-kwalita` tieghu. Izda l-kwalita` tal-haga mibjugha hija parti intrinsika mill-bejgh, u huwa responsabbli l-bejjiegh ghall-kwalita` ta' l-oggett mibjugh. Skond l-istess Salvu Ellis, id-difett hareg hafna wara li sar il-bejgh. Infatti huwa xehed hekk: "Meta l-attur ra li ma kienx se jiehu sodisfazzjon minn ghandna, qalli li kien ser ifittixna bil-Qorti. Xi sena wara mbaghad ircevejna c-citazzjoni". Certament li 'ex admissis' it-terminu ta' preskrizzjoni kien ghadu ma ghaddiex. Ammissjoni ikbar ta' kemm il-konvenuti kienu jafu x'qeghdin ibieghu lill-attur, u ghal-liema skop dak il-granit kien sejjer jintuza huwa meta Salvu Ellis stess ikkonferma "illi l-attur kien staqsieni illi kien se jaghmel plastic tahtu u jienu ghidtlu illi plastic m'huwiex tajjeb. F'dak il-kaz ma kontx niggarantih". Minn din ix-xhieda jemergu zewg affarijiet imporanti:

a. Il-konvenuti kienu jafu x'qeghdin ibieghu u ghal liema uzu dak il-granit kien ser jintuza ghaliex kienu ppreparati jaghtu l-garanziji kollha li solitu jaghti l-bejjiegh lix-xerrej ghar-rigward ta' l-oggett mibjugh.

b. Ta' parir zbaljat, ghaliex proprju rrizultat li t-tbajja fil-granit huwa dovut ghall-umdita` billi granit bhalma huwa dak mibjugh lill-attur jassorbixxi l-umdita` u ghalhekk kien bilfors mehtieg li ssir xi haga biex taqta' r-'rising damp'.

L-istess Salvu Ellis kompla jghid li huwa jaf mill-esperjenza tieghu li 'plastic' huwa hazin u fetah l-ghajnejn l-attur dwar dan peress illi hemm materjal ahjar. Izda mbaghad meta gie ppressat x'tip ta' materjal ahjar seta' ntuza, hu wiegeb "ma nafx x'rimedju ghandu jkun hemm u kif ghandu jitqieghed dan il-granit. Pero`, ma hadtx dik ir-responsabbilita` biex nissuggerixxi dan ir-rimedju".

Kompla jinsisti li l-granit li biegh lill-attur jista' jintuza ghall-paviment. Kompla jammetti wkoll li l-attur originarjament kien mar ghandu sabiex jixtri l-irham, u kien hu stess li pperswadih jixtri l-granit. Bhal dak il-granit bieghu f'postijiet ohrajn, bhal per ezempju l-lukanda "Diplomat Hotel" tas-Sliema. Imbaghad l-A.I.C. Dimech, fix-xhieda tieghu tas-16 ta' Ottubru, 1997, kien qal espressament li jaghmel differenza l-mod kif tqieghed il-granit, ghar-rigward l-umdita` li seta' jassorbi u kien hazin li ma tqeghidx 'plastic sheeting' tahtu.

Ghaldaqstant l-appellanti li talbu li dina l-Qorti joghgobha tilqa' dan l-Appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta u tilqa' t-talbiet attrici. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TAS-SOCJETA` KONVENUTA</u>**

5. Is-socjeta` appellata wiegbet hekk:

Illi dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tas-16 ta' Mejju, 2000, illi laqghet it-tielet eccezzjoni tas-socjeta` appellata u ddikjarat l-azzjoni attrici illi saret a bazi ta' l-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 preskritta ai termini ta' l-Artikolu 1407 tal-Kap. 16 u konsegwentement, cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom.

Illi d-dicitura ta' l-Artikolu 1407 ma taghti lok ghall-ebda ambigwita` fl-interpretazzjoni tal-portata taghha meta tistabilixxi fis-sub-inciz wiehed (1):

"L-azzjoni li tmiss lill-bejjiegh ghaz-zieda tal-prezz, u lix-xerrej ghat-tnaqqis tal-prezz jew biex terga' lura mill-kuntratt, <u>tintilef eghluq sentejn minn dakinhar tal-kuntratt.</u>"

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi dan it-terminu ta' sentejn huwa wiehed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni u ghalhekk la jista' jigi interrott, la jista' jigi sospiz u lanqas jista' jigi rinunzjat. Ghalhekk, dan it-terminu jiskadi eghluq is-sentejn minn dakinhar tal-

kuntratt. In sostenn ta’ din it-tezi, is-socjeta` appellata iccitat bosta sentenzi tal-qrati ta’ dawn il-gzejjer fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha, ghal-liema nota` s-socjeta` qeghda taghmel pjena referenza a skans ta’ ripetizzjoni.

Illi jirrizulta illi l-kuntratt gie konkluz qabel il-21 ta’ Novembru, 1991, ghaliex il-kunsinna ta’ erbgha u sittin (64) metru kwadru ta’ granit saret f’dak il-jum. L-appellanti pprezentaw ittra ufficjali kontra s-socjeta` konvenuta fit-28 ta’ Novembru, 1994, li giet segwita ftit jiem wara b’citazzjoni pprezentata fis-7 ta’ Dicembru 1994, u cioe` aktar minn tlett snin wara li gie konkluz il-kuntratt bejn il-partijiet.

Illi b’hekk, l-appellanti tilfu d-dritt li jippromwovu azzjoni a bazi ta’ l-Artikolu 1390.

Illi l-appellanti qed jargumentaw illi ghalkemm dan it-terminu huwa wiehed ta’ dekadenza, jibda jghaddi minn dakinhar illi x-xerrej jikxef id-difett. Huwa evidenti illi l-appellanti qed jikkonfondu l-azzjoni taht l-Artikolu 1390 ma’ l-azzjoni minhabba difetti okkulti maghrufin bhala l-azzjoni redibitorja u estimatorja a bazi ta’ l-Artikolu 1424 et seq. tal-Kap. 16, liema azzjoni, fiz-zmien ta’ dan il-kuntratt, kienet tiddekadi fil-kaz ta’ mobbli bl-eghluq ta’ xahar minn dakinhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha (art 1431(1)). Is-sub-inciz (2) ta’ l-Artikolu 1431 jistabilixxi illi fil-kaz illi x-xerrejt ma setax jikxef id-difett li ma jidhirx tal-haga mixtrija, iz-zmien ta’ preskrizzjoni jibda jghaddi minn dakinhar illi seta’ jinkixef id-difett.

Illi d-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 1431(2) m’hijiex applikabbli hlief ghall-azzjoni redibitorja u stimatorja u certament, m’hix applikabbli ghall-azzjoni taht l-Artikolu 1390 meta l-bejgh ma jkunx skond il-kwalita` pattwita. F’dan il-kaz, it-terminu huwa ta’ sentejn u jibda ghaddej mid-data tal-kuntratt kif stabbilit inekwivokalment bl-Artikolu 1407 tal-Kap. 16.

Illi f’dan il-kuntest, is-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri hija korretta, gusta u timmerita illi tigi kkonfermata. L-unika riserva illi ghandha

s-socjeta` appellata fir-rigward ta' din is-sentenza hi illi z-zewg sentenzi ccitati mill-Onorabbli Qorti tal-Magistratri (Ghawdex) Superjuri u cioe` "Giuseppe Ghigo vs Antonio Muscat" (Vol, XXV.II.422) u "Neg. Luigi Spiteri Debono vs Neg. Ch. Darmanin noe" (Vol. XXVII.II.573), it-tnejn li huma jirrigwardaw l-azzjoni redibitorja u ghalhekk, certament m'humiex applikabbli ghall-kaz odjern. Ghaldaqstant, ir-ragunament ta' l-istess sentenzi kif riportat fis-sentenza appellata huwa totalment irrelevanti ghall-kaz odjern illi huwa regolat esklussivament mill-Artikolu 1407 kif diga' msemmi illi jippreкludi l-azzjoni taht l-Artikolu 1390 wara sentejn mid-data tal-kuntratt.

Illi l-appellanti kellhom zmien bizzejjed biex jirreklamaw id-drittijiet taghhom izda huma ttraskuraw u f'dan il-kuntest, tajjeb illi wiehed jirrileva illi biss biss ghaddew aktar minn ghaxar xhur bejn l-ewwel zjara tal-perit taghhom u l-prezentata tac-citazzjoni taghhom. Kien ghalhekk evidenti illi ma kienx possibbli illi jintroducu azzjoni minhabba difett okkult peress illi kien ghadda t-terminu preskrittiv illi dak iz-zmien kien ta' xahar izda pprovaw jintroducu azzjoni ghad-danni minhabba illi l-bejgh ma kienx tal-kwalita` pattwita halli jkunu jistghu jgawdu minn terminu preskrittiv itwal. Madankollu, qed jirreklamaw il-beneficcju ta' l-Artikolu 1431(2) illi kif wiehed ra, m'hux applikabbli ghall-azzjoni taht l-Artikolu 1390.

Ghaldaqstant is-socjeta` appellata talbet illi dina l-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-appellanti.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. L-atturi appellanti harrku lis-socjeta` konvenuta fuq il-premessa li l-kunsinna granit li huma xtraw minghandha ma kenitx tal-kwalita` pattwita u talbu mill-Qorti dikjarazzjoni f'dan is-sens, oltre rifuzjoni ta' l-ammont versat u danni sofferti minnhom.

L-ewwel Qorti akkoljiet it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti nomine billi ddikjarat "l-azzjoni attrici preskritta ai termini

ta’ l-Artikolu 1407 tal-Kodici Civili” u konsegwentement cahdet it-talbiet attrici.

7. L-atturi appellanti filwaqt li qeghdin jaqblu mal-Qorti ta’ l-ewwel grad li t-terminu f’dan il-kaz huwa wiehed ta’ dekadenza, jissottomettu li dan it-terminu jibda jiddekorri minn meta x-xerrej jikxef id-difetti, “u cioe` meta seta’ kien ghalih possibbli li jinduna bid-difett”.

In sostenn ta’ dan l-aggravju, l-atturi jaghmlu riferenza estensiva lejn id-deposizzjonijiet moghtija mix-xhieda prodotti quddiem l-ewwel Qorti. Dan l-atturi ghamluh bl-iskop espress li jistabbilixxu zewg punti, igifieri li
(a) il-konvenuti kienu jafu x’qeghdin ibieghu u ghal-liema uzu dak il-granit kien ser jintuza, ghaliex kienu ppreparati jaghtu l-garanziji kollha li solitu jaghti l-bejjiegh lix-xerrej ghar-rigward ta’ l-oggett mibjugh;

(b) il-konvenuti taw parir zbaljat, ghaliex proprju rrizulta li t-tbajja fil-granit huwa dovut ghall-umdita`, billi l-granit bhalma huwa dak mibjugh lill-atturi jassorbixxi l-umdita` u ghalhekk kien bilfors mehtieg li ssir xi haga biex taqta r-“rising damp”.

8. Il-Qorti, wara li qieset l-aggravju ta’ l-atturi appellanti hija tal-fehma li l-impostazzjoni legali taghhom, wahda ta’ indole legali, hija zbaljata. L-atturi kellhom diversi modi kif setghu jipprocedu gudizzjarjament in sostenn ta’ dak li gie allegat minnhom. Il-ligi taghna taghti lix-xerrej ghazla varja ta’ azzjonijiet. Hemm l-azzjoni redibitorja u dik aestimatorja f’kaz ta’ bejgh ta’ oggett jew oggetti li jinstabu li huma difettuzi minhabba xi difetti latenti; tista’ ssir azzjoni ghal hlas ta danni jekk jirrizulta li in konsegwenza tal-bejgh effettivament dan ikun ta’ lok ghal danni materjali; u hemm imbaghad azzjoni ohra partikolari – dik maghzula mill-appellanti – fil-kaz li l-oggett mixtri ma jkunx tal-kwalita` pattwita. Din l-ahhar azzjoni hija bbazata fuq l-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 li jghid hekk,
“<u>Jekk il-haga</u> li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna <u>ma tkunx tal-kwalita` mwieghda</u>, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, <u>ix-xerrej jista’ jaghzel jew li jirrifjuta l-haga</u>

u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit". (Sottolinear tal-Qorti)

9. Fil-kaz in ezami huwa pacifiku li l-atturi agixxew a bazi ta' dan l-artikolu. It-tehid ta' azzjonijiet ta' din ix-xorta jistghu jsiru fi zmien specifikat li ssemmi l-ligi stess, altrimenti l-azzjoni tintilef. Di fatti, l-Artikolu 1407 tal-Kap. 16 jghid hekk,

"1407. (1) L-azzjoni li tmiss lill-bejjiegh ghaz-zieda tal-prezz, u dik li tmiss lix-xerrej ghat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerga' lura mill-kuntratt, tintilef eghluq sentejn minn dakinhar tal-kuntratt." (Sottolinear tal-Qorti)

Dejjem gie ritenut mill-Qorti taghna li hawn si tratta ta' terminu ta' dekadenza ta' l-azzjoni u bhala tali la ghandhom jidhlu konsiderazzjonijiet dwar difetti latenti u lanqas ta' perijodi ta' sospensjoni jew interruzzjoni bhalma hu possibbli f'kazi ta' termini preskrittivi li nsibu elenkati fil-Kodici Civili taghna.

10. Fi kliem iehor, ftit li xejn sewa li l-atturi qaghdu jittratjenu u jiehdu z-zmien taghhom sakemm finalment ippromwovew l-azzjoni taghhom, bit-tama li nel frattemp forsi jikkonvincu lill-venditur li huma kellhom ragun. Apparti l-fatt li min-naha taghhom il-konvenuti nomine dejjem cahdu li jassumu xi responsabbilita`, jirrizulta inoltre evidenti l-fatt li l-atturi kellhom zmien bizzejjed biex, li kieku riedu, iressqu l-azzjoni taghhom de quo tempestivament. Kif tajjeb gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Borg vs John Xuereb deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Jannar, 1989 (Koll. Vol. LXXXII-II-260), citata wkoll mill-parti appellata,

"…din il-kwistjoni giet deciza diga` diversi drabi minn dawn il-Qrati fis-sens li l-perijodu ta' sentejn stabbilit fl-imsemmi artikolu hu perijodu ta' dekadenza bir-rizultat li jekk il-kompratur jonqos li jezercita d-dritt moghti lilu bl-Artikolu 1390 kontra l-venditur fi zmien sentejn ma jistax jezercita l-istess dritt "per via di azione" u anqas "per eccezione" wara li jkun iddekorra dak it-terminu."

Bl-istess mod gie deciz fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Mangion pro et noe –vs– A. M. Galea noe (Koll. Vol. XXIV-II-629) u cioe` li "piu` di una prescrizione, costituisce una decadenza o una perenzione". Fis-sentenza fl-ismijiet Vincenti –vs– Mazzitelli (Koll. Vol. XXXI-I-678) gie ritenut li d-dritt taht l-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 ghandu jigi ezercitat fi zmien sentejn, liema perijodu hu wiehed perentorju. Hu inkontestat li bhala fatt il-granit mixtri mill-appellanti gie kkonsenjat fil-21 ta' Novembru 1991 (ara Dok JE a fol 73 tal-process). Mill-atti jirrizulta li c-citazzjoni ta' l-atturi giet ipprezentata fis-7 ta' Dicembru 1994. Kjarament ghalhekk jidher li l-perijodu ta' sentejn imsemmi mil-ligi jirrizulta li kien ghadda u l-azzjoni sfat perenta.

Ghalhekk isegwi li l-aggravju ta' l-atturi appellanti huwa wiehed infondat fid-dritt u qieghed jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' l-atturi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------